MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 527/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**vs**

**George Farrugia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat George Farrugia ta’ 56 sena bin Anthony u Rosina nee’ Saliba, imwieled Hal-Qormi nhar il-20 ta’ Jannar 1952 u residenti Casa Farrugia, Triq Pawlu Debono, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 798652(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) Nhar il-15 ta’ Mejju 2008 ghall-hin ta’ 4.30pm fi Triq il-Mithna f’ Haz-Zebbug, Malta bil-hsieb li jikkommetti ferita ta’ natura gravi liema ferita setghet iggib periklu tal-

hajja jew ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew ta’ difett permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Saviour Camilleri u billi wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt meta saq il-vettura tieghu ta’ l-ghamla Peugeot 306 Maroon bin-numru ta’ registrazzjoni JAE 635 u biha tajjar lill-istess Saviour Camilleri, u aktar

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Saviour Camilleri griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Marika Caruana reg no 2397 mic-centru tas-sahha Furjana.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Saviour Camilleri u tapplika il-provedimenti ta’ l-Artikoli 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Gunju 2008 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta’ Dicembru, 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-15 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tal-4.30pm fi Triq il-Mithna, Haz-Zebbug fejn il-parti civili Saviour Camilleri sofra girehi ta’ natura hafifa liema griehi gew kagunati meta huwa gie milqut bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAE 635 misjuqa mill-imputat George Farrugia. F’dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat b’attentat li jikkaguna griehi ta’

natura gravi fuq il-persuna ta’ Saviour Camilleri kif ukoll li volontarjament ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa. Minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz jirrizulta li l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kompletament kunfliggenti dwar kif svolga l-incident fejn min-naha wahda l-parti civili Saviour Camilleri jispjega li l-imputat saq fuqu bil-vettura tieghu u habtu ma arblu tad-dawl filwaqt li l-imputat jghid li huwa gie aggredit minn Camilleri b’katina u spicca sabiex laqat lill-istess Camilleri bil-vettura tieghu meta prova jaghmel U-Turn sabiex jitlaq minn fuq il-post u jmur l-Ghassa tal-Pulizija.

Il-parti civili Saviour Camilleri li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Dicembru 2008 qal li waqt li huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu hdejn ir-roundabout fejn hemm ta’ Cortis, f’Haz-Zebbug huwa kellu jghaddi minn triq ohra ghaliex kienu qed ipoggu t-tarmac fit-triq u ra l-vetturi tal-imputat u ta’ ibnu Philip Farrugia quddiemu u dawn bdew jaghmlu mossi pastazi u jippruvaw jibrejkjaw u meta waslu fejn il-housing estate ta’ Haz-Zebbug dawn ghalqulu t–triq b’mod tali li ma setghax jghaddi u huwa ghalhekk nizel ghas-soddidisfazzjon u l-imputat u ibnu bdew jghajruh u jkellmuh hazin u huwa resaq man-naha l-ohra tat-triq fejn l-imputat George Farrugia rassu bil-vettura tieghu u huwa ghalhekk qabez quddiemha u sema’ lill-imputat jirrejzja l-vettura u huwa spicca tar fuq il-bonnet tal-vettura ta’ Farrugia li mbaghad baqa’ diehel bil-vettura f’arblu u Camilleri jghid li huwa imbaghad instabat mal-art u l-imputat telaq minn fuq il-post.

L-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Anthony Cachia li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Dicembru 2008 spjega li l-Pulizija bdiet tinvestiga dan il-kaz meta rceviet telefonata anonima fejn vuci maskili nfurmat lil Pulizija li persuna kien gie mtajjar fi Triq l-Mithna, Haz-Zebbug. Waqt li PC 103[1] u WPS 258 Bernardette Valletta[2] kienu hergin mill-Ghassa dahal l-imputat ma ibnu u qalilhom li xtaq jaghmel rapport izda huma qalulu li kienu hergin sabiex jinvestigaw incident tat-

[1] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-19 ta’ Dicembru 2008
[2] Li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2010.

traffiku u qalulu sabiex jistenna. WPS 258 qalet li meta marru fuq il-post sabu zebgha hamra mal-arblu tad-dawl, xi hgieg mal-art u kien hemm brake marks ta' madwar tletin metru li kienu jwaslu direttament sal-arblu tad-dawl. Irid jinghad li ma ngabet l-ebda prova ulterjuri mill-Prosekuzzjoni dwar dawn il-brake marks u dwar iz-zebgha li kien hemm mal-arblu tad-dawl stante li ma ttiehdux fotografiji tax-xena tal-allegat delitt u l-anqas sar skizz.

Ikkunsidrat:

Ili l-imputat irrilaxxja stqarrija fis-16 ta' Mejju 2008 fejn huwa spjega li kien gej mid-direzzjoni ta' H'Attard sejjer lejn Haz-Zebbug u quddiemu kien hemm it-tifel Philip Farrugia li qed isuq il-vettura tieghu. Huwa spjega li nnota lil Saviour Camilleri gej warajh u malli dahal fi Triq il-Mithna fejn hemm pjazzetta, waqfu l-vetturi ta' quddiem Philip Farrugia ghaliex kien hemm xi nies qed jaqsmu minn fuq iz-zebra crossing u l-imputat u ibnu ghalhekk ukoll kellhom jieqfu. L-imputat jghid li f'dan l-istadju Saviour Camilleri nizel mill-vettura tieghu b'katina f'idejh, mar mas-side window tal-vettura tal-imputat u beda' jxejjer il-katina u jghajjar u joffendi lill-istess imputat. L-imputat jghid li huwa beda' jibza u kien fi stat ta' paniku anki minhabba l-fatt li kien diga' kellu diversi ncidenti fejn hu u l-familja tieghu kienu gew agrediti minn Camilleri u l-membri tal-familja tieghu  u huwa ghalhekk ma riedx jikkonfrontah u prova jsuq il-quddiem izda Camilleri minflok dar u mar lejn il-vann tieghu gie quddiem il-vettura tal-imputat  u huwa laqtu u gie fuq il-bonnet u l-imputat iddecida li jdur lura sabiex imur l-Ghassa u waqt li kien qed jaghmel il-manuvra sabiex idur laqat l-arblu tad-dawl. L-imputat spjega li qabel huwa telaq minn fuq il-post sabiex imur l-Ghassa waqaf sabiex jivverifika li Camilleri ma kienx qieghed fi stat hazin. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fl-istqarrija giet konfermata meta huwa xehed f'dawn i-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Marzu 2011 u giet pjenament korroborata mix-xhieda ta' ibnu Philip Farrugia.[3]

---

[3] Ara traskrizzjoni tax-xheida a fol. 104 sa 112 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament konfliggenti fejn kemm ix-xhieda ta' Saviour Camilleri li hija in parti korroborata mix-xhieda ta' Charles Mifsud[4] u James Grech[5] kif ukoll dik tal-imputat hija korroborata mix-xhieda ta' ibnu Philip Farrugia u ghalkemm mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja, fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-kunflitt huwa tali li jista' fil-fatt iwassal ghall-liberatorja. Din il-Qorti li semghat lil parti civili Saviour Camilleri jixhed viva voce quddiemha kellha dubji serji dwar il-kredibilita ta' dan ix-xhud mhux biss minhabba il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda izda anki minhabba dak li qal fejn huwa ammetta li nizel mill-vettura tieghu ghas-sodisfazzjon u ghaliex kien 'mahruq u ndannat'. Il-Qorti ma tistghax tifhem il-ghala Camilleri ghazel li jhalli l-vettura tieghu f'nofs it-triq u jinzel jikkonfronta lill-imputat u lil ibnu minflok baqa' miexi fi triqtu sakemm mhux ghaliex huwa ried jagredihom kif isostni li ghamel l-imputat. Il-Qorti tixtieq tirrileva inoltre li anki meta semghat ix-xhieda ta' Charles Mifsud u James Grech kellha dubji dwar il-kredibilta' taghhom anki ghaliex per ezempju Charles Mifsud meta xehed jghid li ma kienx ra u ma kienx jaf fejn kienet il-vettura ta' Camilleri mentri meta wiehed jara l-okkorrenza li tinsab inserita a fol. 58 sa 60 wiehed jista' jikkonstata li a tempo vergine huwa kien indika li Camilleri waqa' f'nofs it-triq u addirittura indika d-dettalji tal-vettura ta' Camilleri. Irid jigi rilevat inoltre li dan ix-xhud li kien qed ibiegh il-haxix bil-vann ghalkemm qal li ra lil Camilleri jigi milqut qal ukoll li huwa kompla jaqdi n-nies qiesu ma gara xejn. Il-Qorti jidrilha li l-imputat rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa spicca sabiex laqat u wegga' lil Saviour Camilleri wara li huwa gie agredit minn dan tal-ahhar u wara li dan tal-ahhar pogga lilu nnifsu quddiem il-vettura tieghu. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ma tistghax issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

---

[4] Li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2009

[5] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2010..

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------